MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2003

Numru 292/2003

**Il-Pulizija**

**Spettur Yvette Farrugia**

**V**

**JAMES GRIFFITHS**
**CLAYTON BUSUTTIL**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JAMES GRIFFITHS** ta' sittax il-sena bin il-mejjet Alfred u Georgina nee Debattista imwieled Pieta nhar t-tmintax ta' Gunju 1986 u residenti Block B4, Flat 1, Housing Estate, Fgura, detentur tal-karta tal-identita numru 288486M u **CLAYTON BUSUTTIL** ta' sittax il-sena bin Raymond u Joan nee Magro, imwieled Pieta nhar l-gaxra ta' Gunju 1986 u joqghod Clayton, Triq Xintill, Tarxien, detentur tal-karta tal-identita numru 260086M gew mressqa quddiemha akkuzati talli fid-

disgha w ghoxrin ta' Settembru 2002 minn gewwa l-ajruport l-qadim gewwa Triq Hal Farrug, Hal Luqa, ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar, ikkommettew serq ta' zewg mountain bikes tat-tip Vegas Specialized u Silverstone ta' valur ta' mitejn u hamsin lira u tmenin lira rispettivament ghad-dannu ta' Matthew Schembri u Justin Spiteri.

Talli wara s-serqa imsemmija hawn f'dawn il-Gzejjer, voluntarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fuq l-istess zewg mountain bikes tat-tip Vegas Specialized u Silverstone ghad-dannu ta' Matthew Schembri u Justin Spiteri rispettivament liema hsara ma teccedix l-hamsin lira maltin.

Lil **James Griffiths wahdu** talli fid-disgha w ghoxrin ta' Settembru 2002 u fil-jiem ta' wara gewwa r-residenza Block B4, Flat 1, Housing Estate, Fgura, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod ikun indahal biex jbieghhom jew jmexxihom.

Rat d-dokumenti l-atti kollha esibiti fl-atti inkluz l-kunsens tal-Avukat Generali datat l-ewwel ta' April 2003 markat bhala dokument CSH 5 sabiex din il-kawza titmexxa bi procedura sommarja.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar l-erbgha ta' Novembru 2003 esibiti fl-atti a fol 13 u 14.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-erbgha ta' Novembru 2003, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputati wiegebu li huma hatja din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi

legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk iridu jergghu lura minnha u kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputati, l-Qorti tiddikjara li qed issbhom hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Semghet lil Ufficjal Prosekutur u lil Avukati Difensuri jittrattaw.

Ikkunsidrat ai fini ta' piena s-segwenti:

Illi l-imputati kellhom eta tenera u cioe dik ta' sittax il-sena meta kkommettew r-reat akkuzati bihom.

Illi skond ma stqarr l-Ufficjal Prosekutur, l-imputati ikkoperaw bis-shih mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha u cioe sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u cioe meta gew mitkellma mill-Pulizija.

Ili s-socjeta ma sofriet ebda danni materjali u dan ghaliex r-res furtiva giet kollha ritornata lil sidha legittimu w in oltre l-imputati diga ghamlu tajjeb ghal hsarat kagjonati minnhom.

Illi l-hsarat kogjonati ghandhom valur de minimis u cioe ta' hamsa w hamsin lira maltin.

Illi l-imputati ammettew l-akkuzi fil-konfront taghhom waqt l-ewwel opportunita li giet moghtija lilhom u cioe fl-ewwel opportunita moghtija u b'hekk ma nhela ebda hin prezzjuz tal-Qorti.

Illi l-imputat James Griffiths llum l-gurnata qed jahdem b'mod regolari ma' socjeta Guys Company f'xoghol tal-aluminium.

Illi dawn il-fatturi kollha oltre l-fatt li l-imputati huma minuri, ilkoll huma fatturi mitiganti sabiex din il-Qorti tinzel aktar

mill-minimu stabbilit bhala piena fil-ligi ai termini tal-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti thoss li ghandha tpoggi liz-zewg imptuati taht ordni ta' probation u dan fl-interess taghhom sabiex tassikura l-imgieba tajba tal-hatja u biex tigi prevenuta ripetizzjoni mill-hati tal-istess reati jew l-eghemil ta' reat iehor u ghalhekk qeghda taghti lil Ufficjal tal-Probation li jigi nominat mid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation Services dawk id-direttivi li hi tqis li huma mehtiega sabiex tilhaq dawn l-istess ghanjiet.

**Il-Qorti, ghalhekk wara li rat l-artikolu tal-ligi 261(c), 267, 279, 325(c) u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputati JAMES GRIFFITHS u CLAYTON BUSUTTIL hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom fuq ammissjoni taghhom stess u tiddecidi li ai termini tal-artikolu 7(3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggi lil istess CLAYTON BUSUTTIL taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tmintax [18] il-xahar u lil imputat JAMES GRIFFITHS gha perjodu ta' sentejn u nofs taht il-kundizzjonijiet segwenti:**

**1. illi matul l-perjodu ta' probation iz-zewg imputati probationers, ghandhom igibu ruhhom tajjeb, jghaddu hajja ta' bzulija u joqghodu ghad-irettivi kollha tal-Probation Officer li ser jigi nominat mid-Direttur ta' tali servizzi, inkluz kull direttivi li l-istess ufficjal jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentawx certu postijiet u/jew certi nies;**
**2. Illi l-imputati probationers ghandhom jibqghu jzommu kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer nominat skond d-direttivi li dan jaghtihom minn zmien ghal zmien u partikolarment huma ghandhom, jekk l-istess Probation Officer jkun jrid hekk, jircievu zjarat min ghandu fid-dar fejn qed jirrisjedu;**
**3. Illi l-imputati probationers ghandhom minnufih jgharrfu lil Ufficjal tal-Probation b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol taghhom;**
**4. Illi l-imputat probationer JAMES GRIFFITHS ghandu jibda kors ta' servizz psikologiku**

**mal-Agenzija Appogg una volta l-applikazzjoni teighu tigi processata w accettata;**
**5. Illi l-imputati probationers ghandhom jidhru quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer nominat kull sitt xhur fid-data u l-hin li jigu komunikati lilhom mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputati probationers.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi konsenjata minnufih lil imputati probationers JAMES GRIFFITHS u CLAYTON BUSUTTIL kif wkoll tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services ai termini tal-artikolu 9(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jinnomina Ufficjal tal-Probation idejali ghaz-zewg imputati sabiex ikunu responsabbli ghas-sorveljanza taghhom.**

**Il-Qorti tissolecita lil istess Direttur sabiex jinnomina persuna li jkollha esperjenza dwar kif tittratta maz-zaghzagh.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputati l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huma jonqsu li josservha ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta fuq imsemmi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------